9 ta' Lulju, 1963.

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Leone Chircop

*versus*

Edward Gerada

**Danni — Responsabiltà — Kontributorjetà — Kolliżjoni — Karozza.**

*Każ fejn il-Qorti rripartit ir-responsabiltà għad-danni f'kolliżjoni bejn żewġ karozzi f'inkroċju stradali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, peress illi fl-inċident awtomobilistiku li ġara f'Qormi Road, Qormi, fit-tletin (30) ta' Lulju, 1962, il-karozza misjuqa mill-attur Standard 10 numru 9107 ġiet investita mill-Morris Minor misjuqa mill-konvenut u kkaġunalha ħsarat u dana mħabba traskuraġini non-curatezza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, talab li l-konvenut għalhekk, (1) jiġi dikjarat responsabbli għall-investiment (2) jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza ta' dana l-investiment, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi u (3) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali;

OMISSIS...

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi akwiżiti għall-proċess fit-tletin (30) ta' Lulju 1962, għal xis-sagħtejn ta' wara nofs inhar (2 p.m.) l-attur, li kien isuq il-car tiegħu numru 9805 tal-marka "Standard" minn triq "Three Saints" li tagħti għal Santa Venera u li kien minn dika t-triq niżel lejn l-inkroċju li hemm fit-triq ta' Ħal Qormi lokalità konoxxuta bħala "l-erba' qaddisin", wara li ttraversa daka l-inkroċju sabiex jibqa' sejjer lejn Ħal Qormi fuq il-lemin tiegħu malli ħareġ ġewwa l-inkroċju u beda jdur fuq dika t-triq biex jieħu d-direzzjoni lejn Ħal Qormi ġie in kolliżjoni ma karozza Morris Minor numru 25475, li kien qiegħed isuq il-konvenut, li kien ġej minn St. Sebastian Street, Qormi f'ċertu punt ta' l-inkroċju ndikat fl-iskizzi esibiti u bħala konsegwenza ż-żewġ vetturi sofrew danni.

Illi l-ispazju miftuħ li fih jisbokkaw erba' toroq waħda li hija diretta mill-Ħamrun lejn Qormi, l-oħra ta' Ħaż-Żebbuġ, oħra tas-Siġġiewi, oħra tal-Marsa u postijiet oħra tan-naħa oċċidentali tal-gżira ta' Malta u huwa pont traffikuż ħafna bħala li huwa arterja prinċipali li minnha jgħaddu x-char-a-bancs li jkunu mill-belt Valletta qegħdin jitqasmu għall-irħula l-oħra u kors kuntrarju. Il-fatt li l-punt u lokalità fejn saret il-*kolliżjoni huwa* batut ħafna *mit-traffiku jimporta neċessarja*ment li min juża minn dak il-post b'karozzi tan-nar irid juża kawteli akbar minn dawk li għandu juża fi triqat oħra.

Ikkunsidrat:

Illi premess dan li ntqal jingħad li mill-provi jirriżulta li triq li kien ġej minnha l-attur fil-konfronti ta' dika li kien ġej il-konvenut hija "minor road". Kwindi bħala regola l-konvenut kellu r-"right of way". Jirriżulta wkoll li l-attur flok waqaf fl-imbokkatura tat-triq li kien ġej minnha baqa' ħiereġ fl-ispazju apert u waqaf fiċ-ċentru tagħha u qal li ra li mitt pied 'il bogħod mid-direzzjoni li wara tfaċċa l-konvenut kollox kien "clear" u kompla jaqsam it-triq, kif jidher mill-iskizzi esebiti,

mhux fl-iqsar parti tagħha diagonalment. Malli beda jimxi bi speed baxx lemaħ lill-konvenut, li milli jidher ma kienx qiegħed isuq qawwi u kkalkola li seta' jgħaddi u jilħaq is-side tiegħu għad-direzzjoni ta' fejn kien sejjer. In segwitu wasal fuqu l-konvenut li pprova jgħaddi minn quddiem l-attur u żewġ karozzi ħabtu jew aħjar bil-parti xellugija ta' quddiem tal-karozza tal-konuvenut mal-parti leminija ta' quddiem tal-attur il-karozzi tal-kontendenti ħabtu. Dina hija t-teżi tal-attur. Il-konvenut qal li waqt li kien ġej lejn l-inkroċju minn naħa ta' St. Sebastian Str., Qormi, bi speed regolari u kien wasal xi tmienja u għorin pied (28') mill-punt fejn saret il-kolliżjoni tfaċċa mix-xellug tiegħu minn Four Saints Street l-attur biex jaqsam it-triq tiegħu u huwa biex jevitah kiser fuq il-lemin tiegħu ħalli jgħaddih minn quddiem l-għaliex kieku kiser lejn ix-xellug huwa kien jidħol faċċjalment pienament fuqu. Il-kolliżjoni saret fiċ-ċentru tat-triq u meta wara l-kolliżjoni l-passiġġier li kellu miegħu l-attur qallu:— "Għadu (l-attur) daqsxejn sprattiku għaliex m'ilux isuq" (ċirkustanza negata mix-xhud Baldacchino ta' l-attur għalkemm dana l-aħħar im-semmi jammetti li kien ilu biss xahrejn isuq.

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn il-fatti ben valjati juru li żewġ kontendenti kell-hom tort għall-ħabta li saret u għad-danni li pprovokaw. Huwa dmir dina l-Qorti tara u teżamina f'liema misura huma rispettivament għandhom jirrispondu.

Illi l-attur, li qabel l-inċident kien ilu xahrejn biss isuq il-karozza tan-nar, għandu tort talli:

1. Ħareġ minn Four Saints Street mill-ewwel għall-inkroċju u waqaf f'nofsu jesplora t-triq, li kien fuqha mentri, dika l-esplorazzjoni kellha ssir qabel ma joħroġ.

2. Ma ħareġx rasenti għas-side tiegħu u dderiġa ruħa lejn il-pont l-iktar qasir jew aħjar dejjaq tat-triq, li fuqha kien sejjer jinterrompi u jostakola li "Stream of traffic" li seta' jsib fuqha mid-direzzjonijiet kollha konverġenti għal daka l-ispazzju apert, fejn saret il-koħiżjoni, mentri mill-iskizz fol. 15 jidher li huwa ħabat idur lejn Ħal Qormi f'nofs it-triq.

3. Li ma qasamx dika t-triq maġġuri bl-ispeditezza li kien jissuġġerixxi l-każ.

4. Li meta lemaħ lill-konvenut ġej baqa' miexi u erroneament ikkalkola li seta' jaqsam qabel ma l-konvenut jasal fil-pont fejn saret il-kolliżjoni.

5. Li ma tax lanqas id-dritta bħala li kien jipproċedi mit-triq fuq il-lemin tiegħu;

Illi mill-banda l-oħra dina l-Qorti tħoss li anki l-konvenut għandu miżura ta' tort. Infatti l-istess konvenut insista għar-"right of way" li kellu meta kellu żmien ikun jaf li b'dika l-insistenza kienet sejra ssir kolliżjoni — żball ta' kalkolu u ġudizzju li huwa seta', taħt iċ-ċirkustanzi *di fatto* jantiċipa u jevita. Kif qal tajjeb il-perit legali, il-konvenut kien missu jieħu azzjoni evasiva u jmur iżjed lejn is-side tiegħu jew iżomm bl-azzjoni tal-brakes u għalkemm l-attur kien qiegħed jagħmel ħażin u kontra r-regolamenti tat-traffiku, jippermettilu jgħaddi, biex jevita l-kolliżjoni, qablu u mhux jipprova jgħaddi minn quddiemu. Għalkemm il-konvenut ried jagħti l-impressjoni li huwa sab ruħu f'sitwazzjoni ta' emerġenza eppure dan mhux minnu l-għaliex is-sewqan tal-attur kien baxx u mhux qawwi u l-konvenut kellu żmien biżżejjed biex jevadih u dana l-għaliex kellu żmien jaħseb l-għaliex allavolja qal rah xi tmienja u għoxrin pied (28') qabel ma waslu fuq xulxin fil-fatt il-viswali tiegħu skond il-formazzjoni tat-triq setat u kellha tkun akbar u jekk *ma rahx allura ma kienx qiegħed jagħmel*

dak il-"proper look out" li kellu jadopera.

Illi kwindi ż-żewġ kontendenti kellhom tort.

Illi fil-ħsieb tal-perit ġudizzjarju, għar-raġunijiet minnu addotti, l-attur kellu tort aqwa minn daka tal-konvenut u fl-esistemazzjoni tiegħu l-attur għandu jkun ritenut li kellu tliet kwarti (¾) tat-tort mentri l-konvenut għandu jkun ritenut li għandu r-responsabilità għal kwart (¼). Dina l-Qorti wara matura riflessjoni taqbel ma dak li qal il-perit legali in kwantu għar-ripartizzjoni tal-ħtija.

Ikkunsidrat:

Illi skond il-provi jirriżulta li l-vettura tal-attur irriportat dannu ta' tmienja u sebgħin lira sterlina, tnax-il xelin u sitt soldi (£78.12.6) kif deskritt fir-relazzjoni mentri l-karrozza tal-konvenut irriportat dannu ta' tnejn u sittin lira għaxar xelini u tliet soldi (£62.10.3).

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistax fil-kawża preżenti tieħu ħlief konsiderazzjoni tad-danni kaġonati mill-attur l-għaliex id-dannu soffert mill-konvenut joħroġ barra mit-talba imma ħasset li għandha tindika d-danni konvenuti, sabiex, jekk il-kontendenti jaqblu, tkun tista' forsi tiġi evitata kawża oħra.

Għalhekk:

Taqta' u tiddeċiedi *billi tiddikjara li* ż-żewġ kontendenti huma responsabbli ta' danni in konsegwenza tal-kolliżżjoni msemmija b'dana li l-istanti huwa responsabbli għall-miżura ta' tliet kwarti (¾) mentri l-konvenut huma responsabbli għal kwart (¼); tillikwida d-danni tal-vettura tal-attur għas-somma

ta' tmienja u sebgħin lira, tnax-il xelin u sitt soldi (£78.12.6) u fl-aħħarnett tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' dsatax-il lira tlettax-il xelin u sold u nofs (£19.13.1½) riservata lill-konvenut kwalunkwe azzjoni kontra l-instanti.

L-ispejjeż jinġabru u jitħallsu mill-kontendenti skond il-miżura tar-responsabilità tagħhom fuq dikjarata.